**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima L.L.D.**

**Appell Numru: 141/2019**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Roderick Sammut**

Illum, 30 ta' Settembru 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Roderick Sammut, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 395080(M) akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli bejn ix-xhur ta' Ġunju u Awwissu tas-sena 2017, minn ġewwa l-Għassa tal-Pulizija ta' Ħal Qormi u f' dawn il-Gżejjer, mingħajr awtorizzazzjoni:

1. Uża kompjuter jew xi tagħmir jew apparat ieħor biex daħal f'data jew dokumentazzjoni ta' appoġġ li jinżammu f'dak il-kompjuter, u/jew uża, ikkopja data, u/jew dokumentazzjoni ta' appoġġ.
2. Għamel output ta' data, jew dokumentazzjoni ta' appoġġ mill-kompjuter li jkunu qegħdin jinżammu fih, sew billi dawn jittellgħu bi xbieha jew b'kull mod ieħor li jkun.
3. Ikkopja data jew dokumentazzjoni ta' appoġġ għal kull medjum ta' ħżin li ma jkunx dak li soltu jinżamm fih jew għal mkien differenti fil-medjum ta' ħżin fejn soltu jinżamm.
4. Ħa pussess ta' data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ u/jew għamel użu minnhom.
5. Kixef data jew dokumentazzjoni ta' appoġġ kemm il-darba dan ma kienx meħtieġ fil-qadi ta' dmirijietu jew b'xi liġi oħra.
6. U aktar fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, minħabba l-istat, professjoni jew kariġa tiegħu, u ċioe' bħala Surġent tal-korp tal-Pulizija, sar id-depożitarju ta' sigriet li jkun ġie fdat lilu, u kixef dan is-sigriet.

7. Talli ukoll fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi bħala uffiċjal jew impjeġat pubbliku, ikkomunika jew ippublika dokument jew fatt li kien ġie fdat lilu, jew li ġie magħruf minnu minħabba l-kariġa jew l-impjieġ tiegħu, u illi kellu jibqa' sigriet, jew b' xi mod għin biex jiġi magħruf.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-29 ta' April, 2019 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 31, 133, 141, 257, 337C(1)(a), 337C(1)(b), 337C(1)(c), 337C(1)(f) u 337C(1)(j) tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati tal-akkuzi kollha addebitati lilu, u kkundannatu ghal multa ta' ghaxart elef ewro (€10,000). Inolte` wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, kkundannat lil hati jhallas lir-Registratur ta' din il-Qorti l-ammont ta' elf u wiehed u disghin ewro u hamsin centezmu (€1,091.50c) rapprezentanti spejjez peritali. Finalment ai termini tal-artikolu 23 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, ordnat l-konfiska tal-mobile ghamla Samsung SM-J100h Galaxy.

Rat ir-rikors tal-appellant Roderick Sammut minnu pprezentat fil-15 ta' Mejju 2019 fejn talab lil din il-Qorti tħassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza appellata u b'hekk tiddikjara lill-appellant mhux hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih u konsegwentement tilliberah minnhom; sussidjarjament tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi timponi piena aktar ekwa u gusta fic-cirkostanzi odjerni.

Rat l-aggravji tal-appellant Roderick Sammut.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi l-appellant Roderick Sammut hassu aggravat bid-decizjoni impunjata billi deherlu li l-Ewwel Qorti ghamlet interpretazzjoni u apprezzament zbaljat tal-provi li kellha quddiemha u dan ghaliex fil-fehma tieghu l-fatti probatorji qatt ma setghu iwassluha sal-konviciment morali illi l-appellant, li kien persuna awtorizzata sabiex jaccessa s-sistema tal-PIRS tal-pulizija, ghamel uzu hazin minn dak l-access hekk awtorizzat. Lanqas ma kien hemm prova, fil-fehma tal-appellant, li kien hu l-persuna li ghamel l-estrazzjoni mhux awtorizzata tar-rapport mertu ta' dawn il-proceduri mis-sistema tal-*PIRS* tal-pulizija permezz ta' ritratt mehud fuq l-apparat cellulari tieghu u li kien hu li baghat *screenshot* ta' dan ir-rapport mill-istess apparat permezz tal-pjattaforma *WhatsApp* lil gurnalista Daphne Caruana Galizia direttament jew indirettament. Lanqas fil-fehma tieghu tezisiti prova illi dan l-i*screenshot* tar-rapport li ttella' fuq l-artikolu ippubblikat fil-blog *Running Commentary* tal-istess gurnalista huwa l-istess wiehed misjub fic-cellulari tieghu.

Jikkontendi illi l-unici provi li ressqet il-Prosekuzzjoni kienu jikkonsistu fil-fatt illi *screenshot* tar-rapport bin-numru 2C2280/2016 instab fil-folder tas-*sent items* tal-*WhatsApp* fuq l-apparat cellulari tieghu u l-prova li l-appellant accessa ghal dan ir-rapport mis-sistema komputerizzata, fl-ufficju tal-ghassa tal-pulizija ta' Hal Qormi fejn kien stazzjonat, erba' darbiet b'darba minnhom isehh ftit sekondi qabel il-hin indikat li intbaghat dan ir-ritratt mill-*WhatsApp* lil terz injot.

Ikkunsidrat,

Illi l-appellant jinsab mixli bir-reat imfassal fl-artikolu 337C tal-Kodici Kriminali taht id-diversi disposizzjonijiet tieghu dwar l-uzu hazin tal-kompjuter jew kif inhu imsejjha ir-reati dwar "*Computer misuse*". Illi l-Ewwel Qorti

ghamlet esposizzjoni legali erudita dwar dan ir-reat mahluq permezz tal-Att III tal-2001, kif sussegwentement emendat, u a skans ta' repetizzjoni dina l-Qorti qed taghmel dawn il-konsiderazzjonijiet ta' dritt bhala taghha.

Issa minn ezami tal-atti jemergu diversi fatti ikonfutabbli u li l-Ewwel Qorti ghamlet referenza dettaljata ghalihom fis-sentenza impunjata. Jinghad biss illi rilevanti ghar-risoluzzjoni ta' din il-vertenza huma dawk il-fatti li l-appellant stess jaghmel referenza ghalihom fl-appell minnu ntentat. Huwa fatt mhux inkontestat  fl-ewwel lok illi l-appellant huwa ufficjali tal-pulizija li jokkupa il-kariga ta' surgent u li l ghalhekk ghandu access awtorizzat ghas-sistema kompjuterizzata tal-*PIRS* tal-pulizija b'*password* u *username* assenjati lilu. Gie stabbilit ukoll li fiz-zmien indikat fl-akkuza huwa kien stazzjonat gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' Hal Qormi. Huwa indubitat ukoll illi l-appellant ma kellu xejn x'jaqsam mar-rapport u investigazzjoni li saret mill-pulizija dwar allegazzjonijiet ta' traffikar ta' droga li allegatament kien qed isir gewwa iz-zona maghrufa bhala Tal-Handaq gewwa Hal Qormi, kif inhuwa indubitat ukoll illi l-appellant qatt ma gie mitlub mis-superjuri tieghu sabiex jinvestiga lil Dr. Adrian Delia jew inkella sabiex jara jekk kenux dahhlu xi rapporti dwar din il-persuna bejn l-2016 u l-2017.

Mill-atti jirrizulta madanakollu illi l-appellant accessa s-sistema tal-pulizija erba' darbiet fejn mhux biss dahal sabiex jara r-rapport inkriminatorju, izda fejn accessa s-sistema bid-dettalji ta' Dr. Adrian Delia sabiex b'hekk ifittex xi rapporti li setghu jikkoncernaw din l-persuna. L-appellant ma jaghti ebda spjegazzjoni ghalfejn ghamel dan u jekk l-istess kienx gie minnu mitlub fil-kors tal-impjieg tieghu.

Huwa fatt inkontestat ukoll illi ma hemm ebda prova in atti illi l-appellant gibed *screenshot* bil-*camera* tac-cellulari tieghu ta' dan ir-rapport, **<u>ghajr</u>** ghal dak li jistqarr l-appellant stess fl-ewwel stqarrija minnu rilaxxjata lil pulizija, liema stqarrija l-Ewwel Qorti qieset li ma kellhiex valur probatorju billi l-

appellant ma kellux l-jedd li jkollu avukat prezenti mieghu waqt l-interrogatorju. Jinghad biss illi fit-tielet stqarrija li l-appellant jirrilaxxja u li l-Ewwel Qorti qieset bhala prova valida, ghaliex f'dan iz-zmien l-appellant issa kellu il-jedd ikun assitit minn avukat waqt li jkun qed jigi interrogat, huwa jikkonferma illi ma kellu xejn aktar x'jzid ma' dak mistqarr minnu fl-ewwel zewg stqarrijiet biex b'hekk din il-Qorti tifhem, (kif allura kellha tifhem l-Ewwel Qorti qabilha) illi issa li l-appellant kellu id-drittijiet kollha li taghtih il-ligi ghogbu ma jvarja xejn minn dak minnu mistqarr precedentement fejn ammetta illi huwa kien ha ritratt f'iktar minn okkazzjoni wahda ta' dan ir-rapport investigattiv fejn kien involut Dr. Adrian Delia u li dan ghamlu ghalih personali u mhux fil-kors tax-xoghol tieghu bhala pulizija.

Jibqa' l-fatt madanakollu illi l-espert tal-informatika mahtur mill-Ewwel Qorti, Dr. Martin Bajada, ma setax jaccess ghad-data mahzuna fl-apparat cellulari ta'l-appellant billi meta dan gie mghoddi lilu kien "unresponsive". Gie stabbilit madanakollu mill-istess espert illi r-ritratt gie misjub fis-sezzjoni tas-*sent items* fuq il-pjattaforma tal-medja socjali tal-*WhatsApp* fic-cellulari tal-appellant, fatt allura indikattiv li r-ritratt ta' dan ir-rapport li sab ruhu fic-cellulari tal-appellant intbaghat lil terza persuna li baqghet injota peress illi ma setax jigi stabbilit lil min gie mibghut. Kif gie stabbilit ukoll mill-istess espert illi r-ritratt tar-rapport li deher fl-artikolu fuq il-blog *Running Commentary* kien identiku ghal dak ir-ritratt li kien mahzun fis-*sent items* tac-cellulari tal-appellant u dan minn diversi karatteristici (fosthom il-posizzjoni tal-*cursor*) li dehru fuq dan ir-ritratt.

Illi gie deciz:

> **Appena l-uzu tal-computer u l-access ghad-data jiddipartixxi mit-termini tal-impjieg tieghu, jitqies *ipso facto* bhala persuna mhux awtorizzata. Fi kliem iehor ma kellu ebda awtorizzazzjoni sabiex jaccedi ghal dik id-data ghal-skopijiet 'l hinn mill-impjieg tieghu[1].**

[1] Il-Pulizija vs Emmanuel Balzan (02/03/2020) app. Inf

Illi l-Qorti ghalhekk ma tista' qatt taqbel mal-argument imqanqal mid-difiza illi l-appellant ma ghamilx dak l-uzu hazin mid-data mahzuna fil-*PIR*s tal-pulizija li kellu awtorizazzjoni jikseb access ghalih, ghaliex huwa indubitat illi fil-mument li huwa kiseb access ghar-rapport u dan f'iktar minn okkazzjoni wahda u dan ghal motivi mhux relatati max-xoghol tieghu, r-reat immaterjalizza ruhu. Kif inhu immaterjali wkoll il-fatt illi ma hemmx prova li r-ritratt intbaghat lil gurnalista Daphne Caruana Galizia u jekk huwiex l-istess wiehed li jidher fuq l-artikolu minnha ippubblikat fil-*blog* taghha, billi fil-mument illi l-appellant baghat dan ir-ritratt lil terza persuna, ghalkemm din baqghet injota, dan certament ma sehhx fl-ambitu tax-xoghol tieghu, ghallinqas prova dwar dan sal-grad tal-probabbli ma tirrizultax kif tajjeb tinkonkludi l-Ewwel Qorti. Kwindi l-att materjali tar-reat jissussisti minn dan il-mument u dan fil-parametri imfassla fl-artikolu 337C(1)(f) tal-Kodici Kriminali li jispecifika illi sabiex ghemil jikkostitwixxi reat taht dan l-artikolu, persuna li ma jkollhiex l-awtorizazzjoni rikjesta - tieħu pussess ta' xi *data*, *software* jew dokumentazzjoni ta' appoġġ jew tagħmel użu minnhom, haga li certament sehhet f'dan il-kaz, meta l-awtur tar-reat, u cioe' l-appellant, ghalkemm kellu l-awtorizazzjoni mehtiega sabiex jikseb l-access kif inghad, madanakollu imbaghad ghamel uzu mill-informazzjoni, *data* jew *software* mahzuna fil-kompjuter minghajr id-debita awtorizazzjoni jew jaghmel uzu divers minn dak awtorizzat. Dan ghaliex in-nuqqas ta' awtorizazzjoni li huwa l-element ewlieni li johloq ir-reat irid jkun necessarjament jemani mill-"persuna intitolata" fit-termini tal-artikolu 337C(2)(b) tal-Kodici Kriminali li jkollha is-setgha u l-jedd tikkontrolla l-attivitajiet li telenka l-ligi fl-artikolu 337C.

Illi l-hsieb tal-legislatur, fil-fehma ta' din il-Qorti, allura kien dak li jissanzjona l-att materjal li huwa deskritt fil-ligi ingliza bhala "*unauthorised use of authorised access*" u allura tirrizulta l-htija meta l-awtur tar-reat jikseb access sabiex jottjeni informazzjoni kunfidenzjali ghal uzu hazin jew skopijiet mhux

legittimi[2]. Tant hu hekk illi l-legislatur irrenda r-reat aktar gravi meta dan isehh bi vjolazzjoni tal-fiducja li ghandha tezisti bejn l-impjegat u il-principal tant illi l-artikolu 337F(3)(a) jissanzjona b'mod aktar oneruz:

> **"meta r-reat isir f'xi post minn impjegat bi preġudizzju tal-prinċipal tiegħu jew bi preġudizzju ta' terzi, jekk il-pożizzjoni tiegħu ta' impjegat, sew vera sew fittizja, tkun għamlitha faċli għalih li jagħmel ir-reat."**

Mhux biss izda is-sub-incizi (4) u (5) ghall-artikolu 337F jippenalizzaw bl-istess mod il-persuna li taghmel atti preparatorji ghalbiex jigi kommess ir-reat mahsub fl-artikolu 337C, kif ukoll lil komplici fl-ghemil tar-reat[3].

Fuq kollox dak li donnu qed jinsa l-appellant huwa illi stabbilit mill-Prosekuzzjoni illi l-appellant kiseb l-access ghall-informazzjoni u *data* mertu ta' dawn il-proceduri minghajr ma kien awtorizzat jaghmel dan u meta rrizulta illi tali access ma kienx mehtieg fil-kors tal-impjieg tieghu, l-artikolu 337F(6) tal-Kapitolu 9 jitfa' l-oneru tal-prova fuqu sabiex jipprova li kellu dik l-awtorizazzjoni, jew inkella, li ghalkemm kellu awtorizazzjoni jaccessa dik is-sistema, dan sar ghal ghan legittimu, haga li jonqos milli jaghmel:-

> **(6) Il-prosekuzzjoni ma tkunx meħtieġa li ġġib provi biex twaqqa' l-effett ta' xi awtorizzazzjoni meħtieġa taħt dan is-Subtitolu u l-oneru li tinġieb prova dwar awtorizzazzjoni bħal dik ikun jinkombi fuq il-persuna li tkun qed tallega li għandha dik l-awtorizzazzjoni:**
> **Iżda dan l-oneru ma għandux jitqies bħala li jkun tneħħa biss bix-xiehda mhux korroborata tal-persuna akkużata.**

---

[2] Ara decizjonijiet DPP vs Bingell u DPP vs Allison

[3] (4) Persuna li tipproduċi xi materjal jew li tagħmel xi att ieħor preparatorju għal jew bi tkomplija tal-għemil ta' xi reat taħt dan is-Sub-titolu tkun ħatja ta' dak ir-reat u teħel, meta tinsab ħatja, l-istess piena li hemm għar-reat.

(5) Persuna li tkun kompliċi fl-għemil ta' reat kontra dan is-Sub-titolu jew li b'xi mod ixxewwex, tgħin jew tħajjar dak l-għemil tista' teħel dawk l-istess pieni bħalma hemm maħsuba għal dak ir-reat.

Illi kif tajjeb tikkonkludi l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata hemm bizzejjed provi indizzjarji li jwasslu sabiex jigu stabbiliti certu presunzjonijiet ta' fatt li jippuntaw lejn ir-reita':

> **"Jinghad mill-bidunett li imkien fil-ligi ma tobbliga lill-Qorti illi hija tkun certa minghajr ombra ta' dubbju dwar htija o meno tal-akkuzat. Ic-certezza tinsab fir-ren divin u fl-akkuzat illi jaf cert x'gara u ma garax. Ghall-fini tal-gustizzja umana huwa bizzejjed illi dik il-prova tilhaq livell ta' minghajr dubbju dettat mir-raguni u cioé livell oghla mill-probabbli illi huwa bizzejjed biex jissodisfa xi tezi jew ohra tad-difiza. [4]"**
>
> **Huwa veru illi dan il-kaz hu principalment ibbazat fuq provi cirkostanzjali u biex dawn ikunu effettivi b'valur probatorju li wiehed jista' jorbot fuqhom, il-Qorti trid tkun sodisfatta illi dawn il-provi jippuntaw ghall-konkluzjoni wahda u wahda biss. Meta persuna tkun qieghda tikkunsidra biex taghmel reat din taghmel minn kollox sabiex tahbi l-operat u responsabiltà taghha ghal dak ir-reat u jista' jkollok sitwazzjoni fejn ma jkollokx xhieda okulari izda jkollok diversi indizji illi kollha jwasslu ghand l-akkuzat bhala l-unika persuna illi seta' kien fil-pozizzjoni illi jikkommetti r-reat inkwistjoni.[5]"**

Illi l-Qorti ma tistax taqbel mal-appellant illi hemm il-holoq neqsin fil-katina ta'l-evidenza. Dan ghaliex, kif inghad, ma hemmx dubbju li l-appellant accessa ghas-sistema ghall-iskop li jara r-rapport inkriminatorju, *screenshot* ta' dan ir-rapport imbaghad jigi misjub kif inghad fic-cellulari tieghu u mibghut lil terz ftit sekondi wara li gie accessat f'okkazzjoni partikolari minghajr mal-appellant jaghti kont ta' dan l-agir tieghu. Illi l-Qorti lanqas ma tista' taqbel mal-argument tad-difiza illi l-fatt wahdu li r-ritratt instab fil-*folder* tas-*sent items* mhuwiex prova illi dan fil-fatt gie mibghut lil terz. Certament dokument li jmur fil-*folder* ta' dawk id-dokumenti li jindikaw lil dawn gew mibghuta ma jista' qatt isib ruhu f'dan il-*folder* bi zball. L-appellant, *del resto,* lanqas iressaq l-icken

[4] "Il-Pulizija versus Michael Ellul Vincenti" fit-tlieta (3) ta' Ottubru elfejn u tlettax (2013) App.Inf.

[5] Il-Pulizija vs Cyrus Engerer Appell Inferjuri 08/05/2014

prova, sal-grad tal-probabbli, li tista' tindika illi ic-cellulari tieghu kien thalla f'idejn terzi jew inkella li kellu xi hsara fih. Kif lanqas iressaq prova illi dan seta' intbaghat bi zball u dan fi ftit sekondi wara li huwa accessa r-rapport fuq is-sistema tal-*PIRS*. Ma hemm ebda prova in atti, imbaghad, li tindika illi dan l-access sar b'konnessjoni diretta jew indiretta mal-manzjonijiet tieghu bhala surgent fil-korp tal-pulizija. Illi, wkoll, il-fatt illi dan ir-rapport seta' gie accessat minn membri ohra tal-korp tal-pulizija u mhux biss mill-appellant lanqas ma jezonerah mir-responsabbilta' kriminali u dan ghaliex, jerga' jigi ribadit, illi gjaldarba gie stabbilit illi hu accessa l-imsemmi rapport, liema access sar mhux fil-kors tal-impjieg tieghu, izda ghal ragunijiet personali u intbaghat bic-cellulari tieghu lil terza persuna, ukoll mhux fil-kors tal-imjpieg tieghu, allura r-reat huwa ikkunsmat.

Finalment l-appellant jilmenta illi l-prova li saret permezz tal-estrazzjoni maghmula tad-*data* tac-cellulari mill-pulizija tal-forensika bhala *police work* fil-kors tal-investigazzjonijiet kondotti mill-pulizija, hija prova kontaminata billi din ma saritx mill-espert nominat mill-Qorti u liema prova allura l-Ewwel Qorti ma setatx tistrieh fuqha. Illi l-Qorti lanqas ma tista' taqbel ma' din il-linja difensjonali. Ibda biex l-appellant, fl-ebda stadju tal-proceduri quddiem l-Ewwel Qorti, ma jattakka l-prova maghmula mill-Prosekuzzjoni permezz tax-xiehda ta' dawk il-membri tal-korp stazzjonati mal-unita' tal-forensika li assistew lill-investigaturi fl-investigazzjoni ta' dan il-kaz. Ix-xoghol tal-PS422 Neil Godwin Caruana, fil-fatt, kien limitat ghall-estrazzjoni tad-*data* mahruga mic-cellulari u mhux biex jaghmel xi analizi ohra. L-estrazzjoni ta' dan il-materjal gie mghoddi imbaghad lil Assistent Kummissarju Ramon Mercieca, bl-esebiti kollha imbaghad jigu mressqa l-Qorti u mghoddija lill-espert Dr. Martin Bajada. Fil-fatt Dr. Bajada jikkonferma dan fix-xiehda tieghu meta jghid:

> ***"Qabel ma ghadda lili biex jiena nanalizza, gie analizzat mill-Forensics Unit l-FSL fejn ghamlu estrjazzoni permezz ta' software forensiku XRY u hemm estrazzjoni shiha tac-cellulari. Hemm zewg immagini tal-PIRS li jikkoncerna dan il-kaz li skont ir-referenza ntbghatu b'whatsapp."***

Dan ifisser illi x-xoghol kollu li sar mill-pulizija tal-forensika gie susegwentement ivverifikat mill-espert tal-Qorti fejn ikkonferma din l-estrazzjoni.

Fil-fatt dwar l-oggetti li jigu maqbuda mill-pulizija l-artikolu 355S tal-Kodici Kriminali ighid hekk:

> **"(1) Kull oġġett li jkun ġie maqbud bil-liġi mill-Pulizija jista' jinżamm għal kemm żmien ikun meħtieġ fiċ-ċirkostanzi kollha.**
> **(2) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dak hawn aktar qabel imsemmi, kull oġġett maqbud bil-liġi skont dan il-Kodiċi jista' jinżamm biex jinġieb bi prova fil-kawża <u>jew għal eżamijiet forensiċi</u> jew f'kull aspett ieħor tal-investigazzjoni, jew sabiex jiġi stabbilit min ikun sidu bil-ligi**

Illi mhux f'kull investigazzjoni li ssir mill-pulizija wara li jigi kommess reat tigi varata inkjesta magisterjali. Huwa biss ghal dawk ir-reati, u fil-parametri indikati fil-ligi, illi trid tigi mnehdija inkjesta bil-magistrat. Altrimenti huwa x-xoghol ewlieni tal-pulizija ezekuttiva illi jinvestigaw reati kriminali bil-ghan li jigi intercettat il-malvivent u jekk hemm dak is-suspett ragjonevoli dan jigi mressaq il-qorti akkuzat bil-kummissjoni ta' dak ir-reat li jkun gie investigat. Illi sabiex imexxu l-investigazzjonijiet taghhom il-pulizija ghandhom bzonn l-ghodda investigattiva kollha u allura kull xoghol li jsir mill-pulizija ghal dan il-ghan ma jistax jinghad li jkun kontaminat dment li jigi dokumentat l-*iter* segwiet mill-mument illi dik il-prova indizzjarja titfacca fil-kors tal-investigazzjoni tal-pulizija, kif u minn min giet elevata, kif giet ippreservata u sussegwentement min ghamel l-ezamijiet forensici fuqha u b'liema mod, sabiex fl-ahhar issib postha quddiem il-Qorti. Illi ma jidhirx illi dan l-*iter* gie b'xi mod ikkontaminat u allura l-ilment li jsir mill-appellant dwar il-fatt illi l-estrazzjoni saret mill-unita' tal-forensika matul l-investigazzjonijiet u mhux mill-espert tal-Qorti certament ma jista' qatt iwassal biex ixejjen dik il-prova, liema prova fuq kollox giet finalment ezaminata ghall-awtenticita' taghha mill-imsemmi espert.

Ghal dawn il-motivi ghalhekk l-aggravji marbuta mal-interpretazzjoni u apprezzament tal-provi qed jigu michuda.

Ikkunsidrat:

Jifdal biex jigi trattat l-ahhar aggravju imqanqal mill-appellant marbut mal-piena eorgata mill-Ewwel Qorti tal-multa ta' €10,000. L-appellant jilmenta illi din il-piena kienet wahda eccessiva li ma haditx kont tal-fatt illi huwa kellu jitqies bhala *first time offender* b'fedina penali nadifa. Jishaq illi l-Ewwel Qorti lanqas ma hadet kont tal-aspett reformattiv meta giet biex teroga l-piena izda qieset biss illi din ghandha tkun wahda retributtiva ghal hsara li allegatament saret.

Illi jibda biex jinghad illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti taqa' fil-parametri tal-ligi u hija wahda alternattiva ghal dik tal-inkarcerazzjoni, bil-piena ghar-reati mfassla fl-artikolu 337C tal-Kodici Kriminali hija dik tal-multa li ma teccediex it-€23,293.73 jew tal-prigunerija fil-massimu ta' erba' snin jew dik tal-multa u prigunerija flimkien, bl-aggravanti kif mahsub fl-artikolu 141. L-appellant gie ikkundannat ghal hlas tal-multa ta' €10,000 fejn l-Ewwel Qorti hadet kont tal-fatt illi l-appellant ghandu fedina penali nadifa u li ghajr ghal dan l-episodju, s-servizz tieghu f hdan il-korp tal-pulizija kien wiehed ezemplari. Madanakollu kienet tal-fehma illi l-piena ma kellhiex tkun wahda li tqarreb lejn il-minimu tenut kont illi t-trasgressjoni kommessa mill-appellant sehhet fil-kors ta' dan is-servizz bhala ufficjal tal-pulizija li ghandu l-obbligu li jhares mill-kummissjoni mhux biss ta' dan it-tip ta' reat, izda ta' kull reat iehor. Mhux biss izda dan ir-reat sehh bi vjolazzjoni tal-fiducja li s-socjeta tafda f'idejn il-membri tal-korp tal-pulizija sabiex dan iharisha minn dawk in-nies li jxaqqu l-istabbilita' socjali meta jikkomettu xi reat. Illi l-Qorti tikkondividi pjenament il-hsibijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti sabiex teroga l-piena tal-multa, u dan ukoll ghaliex inholoq dak il-bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak reformattiv. Ghaldaqstant anke dan l-aggravju qed jigi michud.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata fl-intier taghha.

Edwina Grima
Imhallef